# IL-FRANĊIŻI F' ĦAL QORMI


*Anthony Mercieca*

Din is-sena qegħdin infakkru l-miġja tal-Franċiżi f'Malta. Kien is-Sibt, 9 ta' Gunju 1798. Erbgħin elf ruħ, bejn baħrin u suldati attakkaw il-Gżejjer Maltin. Minħabba t-taħwid u l-intriċċi bejn il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Gwann, speċjalment dawk Franċiżi, Napuljun Bonaparte ftit li xejn sab reżistenza.

Tlett ijiem biss wara, ġie mħabbar uffiċċjalment dan li ġej: "L-Armata għandha tkun taf li l-għadu ċeda. L-istandard tal-Libertà qed iperper minn fuq il-Fortizza ta' Malta. Il-Kap Kmandant iwissi lill-armata biex tosserva l-akbar dixxiplina u jordna li n-nies u l-proprjetà jiġu rrispettati u l-poplu Malti jiġi ttrattat bi ħbiberija."

Milli jidher is-suldati Franċiżi xejn m'osservaw dik l-ordni għax wara biss sentejn tkeċċew minn Malta.

Tajjeb li nkunu nafu li f'Ġunju 1798 fl-ottava ta' Corpus Domini numru kbir ta' suldati Franċiżi ġew Ħal Qormi, daħlu fil-Knisja ta' San Ġorġ u serqu kulma sabu f'dak li hu deheb u fided.

Wara dak li ġara tul is-sentejn tal-ħakma Franċiża f'Malta, aħna l-Maltin għandna sentimenti kontrastanti dwar il-Franċiżi. Għandna l-Gran Mastru Jean Parisot de la Valette li wara li keċċa lit-torok minn Malta fl-Assedju l-Kbir għażel biċċa kbira minn Ħal Qormi biex jibni belt ġdida li kif kien xieraq issemmiet għalih. Imbagħad għandna Maltin tul is-sentejn li damu hawn. Ta' min ikun jaf li Napuljun dam biss ftit ġranet hawn Malta. Lill-Franċiżi hawn Malta kien imexxihom il-General Claude-Henri Vaubois li tkeċċa minn Malta fit-8 ta' Settembru 1800. Fil-fatt kien Jum il-Vitorja. Tajjeb li nkunu nafuhom dawn l-irqaqat ta' l-istorja t'art twelidna.

Għalhekk waqt li fi żmien il-kavallieri l-Franċiż kien imxerred sewwa fost il-Kavallieri Franċiżi u l-Maltin li kienu jkunu madwarhom, bħala lingwa uffiċjali ta' Malta dam sentejn biss. Bħala riżultat ftit li xejn insibu kliem Franċiż fl-ilsien Malti. Iżda jien u ndur mat-triqat ta' Ħal Qormi tgħidx kemm sibt djar b'isimhom bil-Franċiż. Imma qabel xejn l-aktar li tfakkarna fi Franza hi bla dubju l-istatwa sabiħa tal-Madonna ta' Lourdes li qegħda f'nofs il-Pjazza ta' San Franġisk ta' Paola. Kien fis-6 ta' Frar 1906 li l-Isqof Pietru Pace ħareġ id-digriet li min quddiemha jgħid Salve Regina jirbaħ mitt jum indulġenza.


*Statwa tal-Madonna ta' Lourdes fi Pjazza f'Ħal Qormi*

Tajjeb li nkunu nafu li -Franċiż ma jinkitibx kif jinħass. Ngħidu aħna l-konsonanti "S" ma jlissnuhiex fl-aħħar ta' kelma. IL-vokali "E" fl-aħħar ta' kelma lanqas ma jlissnuha. Iż-żewġ vokali "OU" jitlissnu bħala l-vokali "U' Maltija. Għalhekk meta nitkellmu bil-Franċiż "LOURDES" irridu llissnuha "LURD". Meta nitkellmu bil-Malti illissnuha "LORDES". M'hemm xejn stramb jew straordinarju f'din il-biċċa. Kull lingwa tadatta l-kliem skond il-binja tagħha.

Il-Madonna dehret lil Santa Bennardetta, li bil-Franċiż kien jisimha Bernadette Soubirous. F'Ħal Qormi għandna djar jisimhom "LOURDES', "BERNADETTE", "SOUBIROUS" u aktar minn ħamest idjar "MASSABIELLE", il-grotta fejn il-Madonna dehret lil Bennardina.

Niftakru li fil-Franċiż il-vokali quddiem l-"m" jew l-"n" trid titlissen mill-imnieħer. It-tnejn jitlissnu bħala "AN" nażali. L-għalliem tal-Franċiż kien qalilna li biex tlissen vokali mill-imnieħer trid tiftaħ ħalqek beraħ sakemm kważi tħoss ix-xedaq juġgħek.

Fil-Malti dan il-ħoss ma jeżistix. Naturalment biex wieħed jisma' eżatt dawn il-ħsejjes irid jisma' wieħed Franċiż jippronunzjahom.

Tkompli paġna 99

Ħoss ieħor li ma jeżistix fil-Malti hu l-"G" ta' "GEORGES" bil-Franċiż. Insibuh fi kliem Ingliż bħall "television", "measure" u "garage". Dal-ħoss mill-Franċiż daħal fl-Ingliż. Bil-Malti ngħidu "garaxx". Dal-ħoss hu l-konsonanti qawwija ekwivalenti għall-konsonanti ratba "x" bħallma d-"d" qawwija hi ekwivalenti għat-"t" ratba.

Is-sabiħ tal-lingwi jibda meta toqgħod tqabbilhom. Fil-Malti l-kelma "Ħolma" hi femminil iżda fl-erbat idjar bl-isem Franċiż "MON REVE" (il-Ħolma Tiegħi) in-nom hu kif suppost maskil. Anke "MA MAISON" (id-dar tiegħi) kitbuha tajjeb. "MIRAGE" hi miktuba tajjeb. F'dar oħra kitbu din il-kelma bl-artiklu. Minflok "LE" maskil kitbu l-artiklu fil-femminil "LA" u ħarbtu kollox. Fl-enċiklopedija "LE PETIT LAROUSSE" bħala maskil imniżżla. Metà dak li jkun jibda jaħseb biex jikteb xi ħaġa b'xi lingwa għandu jikkonsulta kemm jiflaħ dizzjunarji u enciklopediji. Dan mhux l-uniku żball fl-ortografija Franċiża li rajt. "LA PETITE FLEUR" (il-fjura ċkejkna) hi miktuba tajjeb. F'dar oħra nsew l-aħħar vokali "E". U minn femminil saret maskil!

Insibu djar li ma nafux jekk humiex miktubin bil-Franċiż jew bl-Ingliż. Per eżempju "PROVIDENCE" u "CONCEPTION". Dan għaliex fiż-żewġ lingwi jinkitbu l-istess izda jitlissnu differenti ħafna.

Karatteristika tal-Franċiż hija li ħafna konsonanti meta jkunu f'tarf il-kelma ma llissnuhomx. Iżda meta l-kelma ta' warajhom tkun tibda b'vokali rridu illisnuhom. Għandna dar "CHEZ NOUS" nippronunzjawha XE NU u għandna "CHEZ AMOUR" u rridu nippronunzjawha XEZ AMUR.

U la ġejna għall-imħabba għandna festa t'ismijiet: "NID D'AMOUR", "FLEUR D'AMOUR", "AMOUR D'AVRIL", "AMOUR SANS FIN", "MAISON D'AMOUR", "IL FAIT AMOUR" u "MON AMOUR". Din ta' l-aħħar turina li għall-Franċiżi l-imħabba hi maskil.

Insibu wkoll żewġt idjar imsemmija għall-isbaħ fenomenu naturali "ARC-EN-CIEL" "QAWSALLA". Għandna dar li tħares lejn tlugħ ix-xemx u bix-xieraq issemmiet "L'ORIENT." Jista' jkun li ntlaqtu żewġ għasafar b'ġebla waħda għax anke l-ġifen li fuqu ġie Malta Napuljun hekk kien jismu.

Insibu wkoll żewġt idjar bl-isem "ETOILE" (Kewkba). Għandna "SANS SOUCI" (Bla inkwiet) u nsibu dar b'isem aktar realistiku "C'EST LA VIE" (Dik hi l-ħajja).

Ma kienx l-iskop tiegħi li noqgħod nelenka d'djar kollha b'isem Franċiż fir-raħal tagħna. Ridt nuri li l-Franċiż, bħal kull lingwa oħra fid-dinja għandu r-regoli tiegħu kif tippronunzjah. Kull regola għandha xi eċċezzjonijiet. Jiena nħobb nitgħallem ir-regoli. Wara li nkun issaħħaht fihom nitgħallem ukoll l-eċċeżżjonijiet. Jiena għedt li l-"S"jlissnuha l-Franċiżi.

Nagħlaq billi nfaħħar b'mod speċjali 'l dawk li semmew li djarhom "DIEU MERCI" (GRAZZI O ALLA) għax Lilu għandna niżżu ħajr kull ħin u kull mument.

Żß¡gur li hekk kien jagħmel il-patrun tagħna San Ġorġ kull ġurnata ta' ħajtu. Saħansitra meta wasal il-waqt tal-prova San Ġorġ irringrazzja lil Alla l-Imbierek billi raddlu lura ħajtu stess permezz tal-martirju. Irridu noqogħdu naħsbu fit-tul biex nifhmu kif dan iż-żagħżugħ ta' għoxrin sena wasal biex offra ħajtu bħala xhieda ta' mħabbtu lejn il-Mulej.

ANTHONY MERCIECA